# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 136**

**Citaz. numru: 2626/99 M1 NA**

**Gordon Caruana Dingli**

**vs**

1. **Michelle Caruana Dingli**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
3. **B'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Jannar 2000 gie nominat Dr. Antoine Gambin bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-minuri Edward Caruana Dingli**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-1 ta' Dicembru 1999 fejn ippremetta:

"Illi l-kontendenti, konjugi Caruana Dingli, zzewgu fis-6 ta' Mejju 1990 fil-Knisja ta' Lapsi, gewwa San Giljan u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal cioe' Sarah u Lisa li ghandhom tmin snin u seba' snin rispettivament;

Illi fl-10 ta' Novembru 1999, gewwa l-isptar Saint Phiilps, Santa Venera, il-konvenuta weldet tarbija, cioe' tifel u semmiet l-istess tarbija Edward u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 3899/99;

Illi l-attur gie mnizzel u registrat fl-imsemmi certifikat ta' twelid bhala missier l-imsemmi tifel minuri;

Illi pero', fis-17 ta' Awissu 1998, il-konvenuta kienet abbandunat id-dar konjugali u minn dakinhar il-kontendenti konjugi Caruana Dingli ma ghammrux aktar flimkien u certament ma kellhomx rapporti intimi bejniethom;

Illi l-perjodu ta' separazzjoni fisika tal-kontendenti, konjugi Caruana Dingli teccedi sostanzjalment il-perjodu ta' tlet mitt jum stabbilita fil-Ligi ghall-fini tal-presunzjoni tal-legittimita' tal-wild ta' mara mizzewga;

Illi ftit wara illi spiccat il-konvivenza ta' bejn il-kontendenti konjugi Caruana Dingli, l-konvenuta bdiet tikkoabita ma' ragel iehor.

Illi f'Ottubru ta' l-istess sena 1998, il-konvenuta talbet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti sabiex tipprocedi ghal kawza ta' separazzjoni, kif fil-fatt ghamlet permezz tac-citazzjoni numru 2340/99NA. Fil-kors ta' l-imsemmija proceduri quddiem il-Qorti, il-konvenuta kienet ghal zmien twil hbiet it-tqala mill-attur zewgha, izda fil-kors tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, senjatament fl-udjenza tas-7 ta' Settembru 1999, l-imsemmija konvenuta kixfet it-tqala taghha u ammettiet illi l-missier naturali tat-tarbija kien ir-ragel illi mieghu kienet qieghdha tikkoabita.

Illi l-imsemmi tifel minuri Edward Caruana-Dingli ma huwiex il-wild naturali ta' l-attur u dan kif jirrizulta mill-fatt tas-separazzjoni kontinwa tal-kontendenti konjugi Caruana Dingli matul il-perjodu kollu materjali f'dan ir-rigward u kif sejjer ukoll jigi stabbilit mill-provi illi jingabru matul is-smiegh ta' din il-kawza w il-verifiki gentici u xjentifici illi jistghu jigu kondotti.

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. previa, okkorrendo bl-opera ta' Periti Teknici, u okkorrendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetici u xjentifici kontemplati mill-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16, illi jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Teknici talvolta nominati, tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Edward Caruana Dingli ma huwiex it-tifel naturali tal-attur Gordon Caruana-Dingli b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri f'dan is-sens;

2. tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri Edward Caruana-Dingli, numru 3899/99 b'mod illi r-rizultanti ta' l-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikat ta' twelid billi, *inter alia*, jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra ta' l-attur Gordon Caruana-Dingli u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-24 ta' Jannar, 2000 li permezz taghha gie nominat Dottor Antoine Gambin bhala kuratur deputat biex jirapprezenta lill-konvenut minuri Edward Caruana Dingli, wara li dan b'nota tas-7 ta' Jannar 2000 kien accetta l-bandi ghall-kuraturi.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Michelle Caruana Dingli tas-7 ta' April 2000 fejn eccepiet illi:

1. "Illi preminarjament l-esponenti tixtieq tinforma lill-Qorti li hija ntavolat citazzjoni fuq l-istss mertu fl-ismijiet inversi (Cit. Nru 2340/99NA) li giet appuntata wkoll fl-istess data u ghalhekk dawn iz-zewg kawzi ghandhom jinstemghu kontestwalment;

2. Illi l-minuri Edward Caruana Dingli mhux il-wild naturali ta' l-attur u li missier it-tarbija huwa Antoine Gambin;

3. Illi hija ilha *de facto* separata minn ma' zewgha Gordon Caruana Dingli ghal dawn l-ahhar snin;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

5. Illi hija m'ghandhiex tbati spejjez."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tat-13 ta' April 2000 fejn eccepixxa illi:

1. "Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal kawza odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migbura u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu wkoll jitlob il-kancellament tal-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta' l-omm;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju, din l-Onorabbli Qorti trid verament tkun konvinta mill-provi migjuba qabel tghaddi biex tiehu decizjoni dwar il-kaz in ezami, u dan stante l-fatt li tali decizjoni ser ikollha inevitabbilment effett determinanti fuq il-hajja futura tal-minuri;

4. Illi peress li din il-kawza qed issir principalment bhala wahda ta' denegata' paternita' u l-korrezzjoni mitluba fl-att tat-twelid numru 3899/19999 hija biss incidentali, l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-vertenza odjerna;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Antoine Gambin nomine tat-12 ta' Gunju 2000 fejn eccepixxa illi:

1. "Illi huwa jirrimetti ruhu ghall-provi kollha konklussivi w anke genetici jekk ikun il-kaz, li jistghu jitressqu fil-kors ta' din il-kawza. Illi jigi rilevat li Antoine Gambin proprio f'kawza ohra citazzjoni numru 35/2000NA fl-ismijiet

"Michelle Caruana Dingli vs Gordon Caruana Dingli pro et", ammetta li t-tarbija in kwistjoni hija l-wild biologiku tieghu;

2. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Greta Agius biex tigbor il-provi.

Hija zammet seduti fit-12 ta' Settembru u 4 ta' Ottubru 2000 fejn xehdu l-partijiet u Dottor Antoine Gambin. Dwar il-minuri in kwistjoni l-attrici tghid: "*Edward it-tifel tieghi twieled fl-10 ta' Novembru 1999. Dan gie rregistrat bhala iben tieghi u tar-ragel Gordon Caruana Dingli.*
*Bhala fatt pero' mhux it-tarbija tieghu, pero' ta' Dr. Antoine Gambin.*
*F'dak iz-zmien jiena w ir-ragel konnha de facto sseparati u dan sa mis-17 ta' Awissu 1998. Minn dak iz-zmien 'l hawn qatt ma kelli x'naqsam mar-ragel tieghi.*"

Hija tghid ukoll illi bdiet relazzjoni ma' Antoine Gambin fi Frar tas-sena 1999. Dawn il-fatti huma kkonfermati mix-xhud Gambin fix-xhieda tieghu kif ukoll mill-attur. "*Illi huwa minnu li l-attrici telqet fis-17 ta' Awissu 1998.*

*Sa minn dakinhar sallum jiena u l-attrici qatt ma kellna rapporti intimi bejnietna. Fil-fatt bil-kemm nitkellmu. Allura t-tifel mhux il-wild naturali tieghi.*"

Quddiem l-Assistenta Gudizzjarja l-partijiet kienu ddikjaraw fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2000 li ma kellhomx provi aktar. Dikjarazzjoni minnhom ripetuta quddiem il-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-prova jekk il-konvenuta hbietx it-tqala mill-attur ma gietx investigata mill-Qorti stante illi hija, fil-fehma taghha, rrilevanti f'dan l-istadju. Is-sub-inciz (d) ta' l-Artikolu 70 (1) tal-Kodici Civili infatti jipprovdi li din il-prova tiswa jekk mehuda ma' provi ohra li logikament ma ghandhomx ikunu l-provi rikjesti ghas-success ta' l-azzjoni odjerna taht is-sub-incizi (a) u (b) ta' l-istess Artikolu 70 (1).

Mill-provi prodotti mill-banda l-ohra jirrizulta illi fiz-zmien imsemmi fis-sub-inciz (a) ta' l-Artikolu 70 (1) il-partijiet kienu *de facto* mifruda. Jirrizulta wkoll illi f'dan il-perjodu l-istess partijiet kienu 'l "boghod" minn xulxin u kienu ghalhekk fl-"impossibbilita' fizika" li jghammru flimkien u dana skond it-tifsira li inghatat minn din il-Qorti lil dawn iz-zewg kuncetti f'diversi sentenzi ricenti. Jirrizulta ghalhekk illi l-attur huwa intitolat jipproponi din l-azzjoni taht l-ewwel zewg sub-incizi ta' l-Artikolu 70 (1) tal-Kodici Civili. Di piu' tezisti l-ammissjoni ta' omm it-tarbija li minkejja li wahedha mhijiex bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili) kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti f'diversi sentenzi mehuda ma' fatturi ohra ghandha importanza rilevanti ghall-materja bhal dik odjerna partikolarment meta ma tezisti ebda raguni serja l-ghala l-veracita' ta' tali ammissjoni ghandha tkun iddubitata. Jinghad ukoll illi l-azzjoni proposta hija korrettement proposta fit-termini stipulati fl-Artikolu 73 ta' l-istess Kodici Civili.

Finalment fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta jigi rilevat illi c-citazzjoni 2340/99NA hija verament kawza bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi pero' ma tittrattax l-istess meritu peress illi hija kawza ta' separazzjoni personali. Il-kawza invece 35/2000NA imsemmija mill-konvenut Gambin

nomine hija konnessa ma' din il-kawza u sejra ghalhekk ukoll tigi deciza llum.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Edward Caruana Dingli mhuwiex it-tifel naturali ta' l-attur Gordon Caruana Dingli b'mod li ghalhekk hemm lok ghal korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri f'dan is-sens;

2. tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri Edward Caruana Dingli numru 3899/99 b'mod illi r-rizultanzi ta' l-ewwel talba jigu korrettement u fedelment rispekkjati fl-istess certifikat tat-twelid billi, *inter alia*, jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra ta' l-attur Gordon Caruana Dingli b'dan illi ghandu jigi inserit ukoll dak imsemmi mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tieni eccezzjoni tieghu;

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti jidhrilha illi l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta Michelle Caruana Dingli, fil-waqt illi kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif rikjest mil-ligi.

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

Deputat Registratur

rf.